31999D0555

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Lulju, 1999

li tirrikonoxxi fil-prinċipju il-kompletezza tad-dokumenti mibgħuta għall-eżami dettaljat bil-ħsieb ta' l-inklużjoni eventwali ta' BAS 656H (dimethenamid-p AC 900001(picolinafen), ZA 1963 (picoxystrobin) fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' protezzjoni għall-pjanti

(notifikat taħt dokument numru K(1999) 2276)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/555/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju, 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' protezzjoni għall-pjanti [1], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/1/KE [2],

u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tagħha,

(1) Billi d-Direttiva 91/414/KEE (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") ipprovdiet għall-iżvilupp ta' lista tal-Komunità ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fi' prodotti ta' protezzjoni għall-pjanti;

(2) Billi l-applikanti bagħtu dokumenti għal tliet sustanzi attivi lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bil-ħsieb li tottjeni l-inklużjoni tas-sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva;

(3) Billi dokument għas-sustanza attiva BAS 656H (dimethenamid-p) kien intbagħat minn BASF AG lill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-16 ta' April, 1999;

(4) Billi dokument għas-sustanza attiva AC 900001 (picolinafen) kien intbagħat minn Cyanamid Agro NV/SA lill-awtoritajiet Ġermaniżi fl-10 ta' Mejju, 1999;

(5) Billi dokument għas-sustanza attiva ZA 1963 (picoxystrobin) kien intbagħat minn Zeneca Agrochemicals lill-awtoritajiet Irlandiżi fis-26 ta' Mejju, 1999;

(6) Billi l-awtoritajiet imsemmija indikaw lill-Kummissjoni r-riżultati ta' eżami ta' l-ewwel tal-kompletezza tad-dokument rigward id-data u informazzjoni li jipprovdi għalihom l-Anness II u, mill-inqas għal prodott wieħed għal protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III mad-Direttiva; billi sussegwentement, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva, id-dokumenti kienu ntbagħtu mill-applikant lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri oħra;

(7) Billi d-dokumenti BAS 656H (dimethenamid-p), AC 900001 (picolinafen), u ZA 1963 (picoxystrobin) kienu ntbagħtu lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fl-10 ta' Ġunju, 1999;

(8) Billi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jirrikjedi li jkun konfermat fil-livell tal-Komunità li kull dokument għandu jitqies li jissodisfa fil-prinċipju r-rikjesti ta' data u informazzjoni li jipprovdi għalihom l-Anness II u, mill-inqas fi' prodott wieħed ta' protezzjoni għal pjanti li fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III tad-Direttiva;

(9) Billi konferma bħal din hija meħtieġa biex wieħed isegwi l-eżami dettaljat tad-dokument kif ukoll jagħti lill-Istati Membri l-possibiltà li jagħtu awtorizzazzjoni provviżorja għal prodotti ta' protezzjoni għal pjanti li fihom din is-sustanza attiva b'osservanza dovuta tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva, u b'mod partikolari l-kondizzjoni li ssir stima dettaljata tas-sustanzi attivi rigward il-ħtiġiet tad-Direttiva;

(10) Billi Deċiżjoni bħal din ma tippreġudikax li iktar data u informazzjoni tista' tintalab mill-applikant fejn ikun jirriżulta waqt l-eżami dettaljat li tali informazzjoni jew data huma rikjesti biex tittieħed Deċiżjoni;

(11) Billi hemm qbil bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li l-Ġermanja għandha ssegwi l-eżami dettaljat għad-dokumenti għal BAS 656H (dimethenamid-p) u AC 900001 (picolinafen), li l-Irlanda għandha ssegwi l-eżami dettaljat għad-dokument għal ZA 1963 (picoxystrobin);

(12) Billi l-Ġermanja u l-Irlanda għandhom jirrapportaw il-konklużjonijiet ta' l-eżami tagħhom akkompanjati b'kull xorta ta' rakkomandazzjonijiet dwar jekk għandhomx jiġu inklużi jew le u kull xorta ta' kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom, lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr u iktar tard fi żmien perjodu ta' sena; billi wara r-riċeviment ta' dan ir-rapport ta' evalwazzjoni l-eżami dettaljat għandu jitkompla bil-għajnuna esperta ta' l-Istati Membri kollha fil-kwadru tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti;

(13) Billi l-miżuri li tipprovdi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 21, tat-28.1.1999, p. 21.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dokumenti li ġejjin jissodisfaw fil-prinċipju l-ħtiġiet ta' *data* u informazzjoni previsti fl-Anness II u, mill-inqas għal prodott wieħed ta' protezzjoni għal pjanti li fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III tad-Direttiva, filwaqt li jitqiesu l-użi proposti.

1. Id-dokument mibgħut minn BASF AG lill-Kommissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li tiġi nkluża l-BAS 656H (dimethenamid-p) bħala sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE u li kien intbagħat lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fl-10 ta' Ġunju, 1999;
2. Id-dokument mibgħut minn Cyanamid Agro NV/SA lill-Kommissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li tiġi nkluża l-AC 900001 (picolinafen) bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kien intbagħat lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fl-10 ta' Ġunju, 1999;
3. Id-dokument mibgħut minn Zeneca Agrochemicals lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li tiġi nkluża z-ZA1963 (picoxystrobin) bħala sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE u li ntbagħat lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fl-10 ta' Ġunju, 1999.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Lulju, 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni